Lista ta' direct orders mogħtija minn Projects Plus Ltd matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2024 u l-31 ta' Diċembru, 2024, ippubblikata skont l-Artikolu 111 (2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 352/2016) u ċ-Ċirkolari 02/2017 tat-23 ta' Jannar, 2017, maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

L-10 ta' Jannar, 2025

PROJECTS PLUS

List of direct orders awarded by Projects Plus Ltd during the period between 1st January, 2024 to 31st December, 2024, published in terms of Article 111 (2) of the Public Procurement Regulations (LN 352/2016) and of Circular 02/2017 of 23rd January, 2017, issued by the Department of Contracts.

10th January, 2025

Nru.	Numru ta' referenza tal-Direct Order	Isem tad-Direct Order/Suġġett tal-Direct Order	Data tal-Għotja	Isem tal-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT
No.	*Direct Order Reference Number*	*Direct Order Name/Subject of Direct Order*	*Award Date*	*Contractor's Name*	*Contract Value Excl. VAT*
1	DO/08/2024	Provision of Specialised Services for the removal of Asbestos Containing Material at the Rugby Football Ground in Corradino	2/5/2024	PTMatic Environmental Services	€14,686.05

KUNSILL LOKALI TA' SANNAT

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat sal-10.30 a.m. nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Frar, 2025, għal:

Avviż Nru. SNTLC/01/2025. Provvediment ta' servizzi konsultattivi ta' inġinerija b'rabta ma' proġetti mwettqa mill-Kunsill Lokali ta' Ta' Sannat.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull kwotazzjoni, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-10 ta' Jannar, 2025

TA' SANNAT LOCAL COUNCIL

The Ta' Sannat Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ta' Sannat Local Council through ePPS up to 10.30 a.m. on Friday, 7th February, 2025 for the:

Advt. No. SNTLC/01/2025. Provision of engineering consultancy services in relation to projects undertaken by the Ta' Sannat Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any quotation, even the most advantageous.

10th January, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

48

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Ġuriżdizzjoni Superjuri, fil-5 ta' Diċembru, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 690/2021 fl-ismijiet Dr Marisa Vella (ID 397979M) bħala mandatarju speċjali ta' Michael Andrew Wells u Lindsay Suzanne Wells vs Ian Clague, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Ian Clague a tenur tal-Artikolu 187 (3) et sequitur tal-Kap. 12.

Illi permezz ta' Rikors tal-Appell Nru 690/2021 ippreżentat fl-24 ta' Ġunju, 2024, l-appellanta Dr Marisa Vella nomine ħasset ruħha aggravata bis-sentenza tal-ewwel Qorti datata 24 ta' Mejju, 2024, għar-raġuni li l-esponenti ma

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 5th December, 2024, in the records of the Application Number 690/2021 in the names Dr Marisa Vella (ID 397979M) as a special mandatory of Michael Andrew Wells and Lindsay Suzanne Wells vs Ian Clague, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Ian Clague in terms of section 187(3) et sequitur of Cap 12.

Whereas by means of Appeal Application No. 690/2021 filed on the 24 June, 2024, the appellant Dr Marisa Vella nomine felt aggrieved by the judgment of the First Court dated 24th May, 2024, on the grounds that the applicant

seta bl-ebda mod jitqies li kiser il-garanziji mogħtija fuq l-att ta' bejgħ datat 25 ta' Settembru, 2020, u konsegwentement ma kien hemm l-ebda raġuni biex il-Qorti tordna r-rexissjoni tal-kuntratt datat 25 ta' Settembru, 2020, u l-appellanta ma għandhiex titqies responsabbli għall-ispejjeż.

Għaldaqstant, l-appellanta umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell tilqa' l-aggravji tal-appell u filwaqt li tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza datata 24 ta' Mejju, 2024, tilqa' t-talbiet tal-appellant fl-intier tagħhom, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi.

Notifika: IAN CLAGUE, TOWN SQUARE SEAFRONT APTS, 29, IX-XATT TA' QUI-SI -SANA, TAS-SLIEMA.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 18 ta' Diċembru, 2024.

DOTT. FRANCO BONDIN LLD, M.Jur.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

could not in any way have been deemed to have breached the guarantees provided for on the deed of sale dated 25th September, 2020, and consequently there was no reason for the court to order the recission of the deed dated 25th September, 2020, and also the appellant should not be deemed to be responsible for costs.

Therefore, the appellant humbly requests this Honourable Court of Appeal upholds the grounds of appeal and whilst cancelling, annulling and revoking the judgment dated 24th May, 2024, it upholds Appellant's requests in their entirety, whilst upholding all of the defendant's pleas, with costs of both instances against the plaintiffs.

Notification: IAN CLAGUE, TOWN SQUARE SEAFRONT APTS, 29, IX-XATT TA' QUI-SI-SANA, SLIEMA

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 18 December, 2024.

DR FRANCO BONDIN LLD, M.Jur.,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

49

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fid-29 ta' Awwissu, 2024, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali Nru:298/2024DC, li ġie ppreżentat fid-19 ta' Ġunju, 2024, fl-ismijiet: Vassallo Maryanne et vs L-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom, iħallsu l-istess kumpens u danni hekk likwidati. Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimati li huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-11 ta' Frar, 2025, fid-09.00 a.m.

Notifika Intimati: Tonna Joseph u Tonna Lorenza. 4, Triq Abram Gatt, Bormla.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 17 ta' Diċembru, 2024.

CARMEL ABELA. M.SC. IN MANAGEMENT. DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, Constitutional Jurisdiction, on the 29th August, 2024, in the records of Constitutional Application No:298/2024DC, which was filed on the 19th June, 2024, in the names: Vassallo Maryanne et vs State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12, for the purpose of service of the respondents. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondents or either of whom, to pay the same compensation and damages so liquidated. With costs and legal interest against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Constitutional Application in the names mentioned above is postponed to 11th February, 2025, at 09.00 a.m.

Notify Respondents: Tonna Joseph and Tonna Lorenza. 4, Abram Gatt Street, Cospicua.

Registry of the Superior Courts, today, 17th December 2024.

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT. DPA, DIP. LAWS OF PROCEDURE. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

50

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-25 ta' Novembru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 25th November, 2024, in the records of Sworn

Nru:829/2024MH, li ġie ppreżentat fis-26 ta' Lulju, 2024, fl-ismijiet: Mapfre Middlesea p.l.c. vs Ratan Rijal, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Is-soċjetá rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost l-oħrajn: Tordna lill-intimat sabiex iħallas lis-soċjetà rikorrenti Mapfre Middlesea p.l.c. dik is-somma hekk likwidata. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-intimat li hu nġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-12 ta' Frar, 2025, fid-09.30 a.m.

Notifika Intimat: Ratan Rijal. 3, Cherry Cake, Triq Joseph L. Zerafa, Iż-Żurrieq u Graziella Apartments. Flat 5, Triq l-Iskola, L-Imsida.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 2 ta' Jannar 2025.

CARMEL ABELA. M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Application No:829/2024MH, which was filed on the 26th July, 2024, in the names: Mapfre Middlesea p.l.c. vs Ratan Rijal, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12, for the purpose of service of the respondent. The applicant company asked this Honourable Court to, among others: Order the respondent to pay the applicant company Mapfre Middlesea p.l.c. that sum so liquidated. With all costs and legal interest against the respondent who is summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 12th February, 2025, at 09.30 a.m.

Notify Respondent: Ratan Rijal. 3, Cherry Cake, Joseph L. Zerafa Street, Zurrieq and Graziella Apartments. Flat 5, School Street, Msida.

Registry of the Superior Courts, today, 2nd January, 2025.

CARMEL ABELA. M.SC. IN MANAGEMENT, D.P.A, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

51

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja fil-ħdax (11) ta' Diċemrbu 2024 (Digriet numru 120/2024BS, wara rikors numru 101/2024BS) ġie kkonfermat INTERDETT mill-atti kollha tal-ħajja ċivili Michael Portelli, bin il-mejtin Emmanuele Portelli u Beninja nee' Camilleri, imwieled Nadur, Għawdex, u residenti Nadur, Għawdex (Karta ta' Identità numru 41656(G)).

Jean Sylvia Bertha Portelli, bint il-mejjet Joseph Camilleri u Pauline Camilleri née Cefai, imwielda Londra, Renju Unit u residenti Nadur Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 381600(L) u Andrew John Albert Portelli, bin Michael Portelli u Jean Sylvia Bertha Portelli nee' Camilleri, imwieled Londra, Renju Unit u residenti Qala Għawdex, detentur tal-karta tal-identità numru 519994(M) ġew bl-istess digriet, nominati kuraturi tiegħu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 6 ta' Jannar, 2025

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

IT is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction on the eleventh (11th) of December of the year 2024 (Decree number: 120/2024BS following application number 101/2024(BS) Michael Portelli, son of the late Emmanuele Portelli and Beninja nee' Camilleri, born in Nadur, Gozo and resides in Nadur, Gozo, holder of identity card number: 41656(G) has been confirmed INTERDICTED from all acts of civil life.

Jean Sylvia Bertha Portelli, daughter of the late Joseph Camilleri and Pauline Camilleri nee' Cefai, born in London, United Kingdom and residing in Nadur Gozo, holder of identity card number 381600(L) and Andrew John Albert Portelli, son of Michael Portelli and Jean Sylvia Bertha Portelli née Camilleri, born in London, United Kingdom and residing in Qala Gozo, holder of identity card number 519994 (M) were appointed his curators by the same decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Voluntary Jurisdiction

This 6th of January, 2025

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

52

B'digriet mogħti, mill-Qorti Kostituzzjonali, fis-17 ta' Diċembru, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 633/2022 fl-ismijiet Francis sive Frank Tartaglia (KI 494554M); Mary Doris mart Joseph Farrugia (KI 682744M); Carmen mart Arthur Vella (KI 1006045M); Mary Victoria mart Louis Caruana (KI 503247M); Salvina sive Sylvia mart Joseph Cassar (KI 631649M) vs L-Awtorita tad-Djar; L-Avukat tal-lstat u Doris Stivala (KI 884051) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Doris Stivala a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree delivered by the Constitutional Court, on the 17th December, 2024, in the records of Application Number 633/2022 in the names Francis sive Frank Tartaglia (ID 494554M); Mary Doris wife of Joseph Farrugia (ID 682744M); Carmen wife of Arthur Vella (ID 1006045M); Mary Victoria wife of Louis Caruana (I 503247M); Salvina sive Sylvia wife of Joseph Cassar (ID 631649M) vs the Housing Authority; the State Advocate and Doris Stivala (ID 884051) the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Doris Stivala in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell Kostituzzjonali Nru. 622/2022 ippreżentat fis-7 ta' Marzu, 2024, l-appellati Francis sive Frank Tartaglia (KI 494554M) et ħassewhom aggravati bis-sentenza datata t-22 ta' Frar, 2024, tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) inkwantu l-likwidazzjoni ta' kumpens magħmula mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-somma ta' Eur 25,000 mhijiex ġusta ai termini tal-Liġi u tmur kontra l-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna.

Whereas by Constitutional Appeal Application No. 622/2022 filed on the 7th March, 2024, the respondents Francis sive Frank Tartaglia (ID 494554M) et felt aggrieved by the judgment dated 22nd February, 2024, of the First Hall Civil Court (Constitutional jurisdiction) in so far as the liquidation of compensation made by the Honourable First Court in the sum of €25,000 is not just in terms of Law and goes against the constant jurisprudence of our Courts.

Għaldaqstant, l-appellanti jitolbu lill-Qorti Kostituzzjonali tikkonferma s-sentenza msemmija inkwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimati, u tikkonfermaha wkoll fejn laqgħat it-talbiet attrici, b'dan illi għandha tirriformaha inkwantu għal-likwidazzjoni tad-danni billi għandu jiġi ddikjarat u deċiż illi l-leżjoni li sofrew l-appellanti kienet għall-perjodu kollhu kif mitlub fir-rikors kostituzzjonali tagħhom, ossia mill-1987 sal-2021, u b'hekk id-danni pekunjarji għandhom jiġu llikwidati fl-ammont ta' mhux inqas minn Eur 51,392.11 oltre Eur 17,000 għal danni non-pekunjarji, jew somma oħra verjuri, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati Avukat tal-lstat u l-Awtorità tad-Djar.

Therefore, the appellants are requesting the Constitutional Court to confirm the judgment mentioned in so far as it dismissed the respondents' pleas, and confirm it also where it upheld the plaintiffs' demands, however it should reform it as regards the liquidation of damages as it should be declared and decided that the injury suffered by the appellants was for the whole period as demanded in their constitutional application, that is from 1987 to 2021, and thus the pecuniary damages are to be liquidated in the amount of not less than EUR 51,392.11 besides EUR 17,000 for non-pecuniary damages, or other correct sum, with costs of both instances against the respondents State Advocate and Housing Authority.

Ir-Rikors tal-Appell Kostituzzjonali Nru. 622/2022 f'dawn l-isimijiet premessi huwa ddifferit għal nhar it-13 ta' Jannar, 2025, fl-10:10 a.m.

Constitutional Appeal Application No. 622/2022 in the names premised is deferred for hearing to the 13th January, 2025, at 10:10 a.m.

Notifika: Doris Stivala - 40 Bond, Flat 3, Triq id-Dolmen, Marsascala

Notification: Doris Stivala - 40 Bond, Flat 3, Triq id-Dolmen, Marsascala

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 6 ta' Jannar, 2025

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day, 6th January, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN LLD, M.Jur.,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

DR. FRANCO BONDIN LLD, M.Jur.,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

53

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fit-30 ta' Ottubru 2024, fl-atti tar-Rikors numru 48/24 fl-ismijiet Mikael Robert Menander (Nru Passaport 096144035) vs Ernest Tonna (KI 649248M), ġiet ordnata s-segwenti

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Inferior Jurisdiction, on the 30th October, 2024, in the records of Application Number 48/24 in the names Mikael Robert Menander (Passport No 096144035) vs Ernest Tonna

pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Mikael Robert Menander a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell Nru. 48/24 ippreżentat fis-6 ta' Ġunju, 2024, fl-ismijiet premessi l-appellant Ernest Tonna ħassu aggravat bis-sentenza tal-31.05.2024 fejn il-Panel ta' Arbitraġġ ghal-Kirjiet residenzjali privati laqa' parzjalment t-talba tar-rikorrent u ordna lill-intimat iħallas l-ammont ta' Eur 700 oltre l-ispejjeż tal-proċedura abbażi ta' żewġ aggravji, jiġifieri 1. Il-Panel ma tax smigħ xieraq lill-appellant billi ma tax każ id-dokumentazzjoni prodotta u 2. għaldaqstant dan il-Panel ma indirizzax il-lanjanzi li ġew elenkati fl-ilment promotur.

Għaldaqstant, l-appellant jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar id-deċiżjoni tal-Panel ta' Arbitraġġ fl-ismijiet premessi u datata 31.05.2024 u minflok tiċħad it-talbiet kollha tal-appellat bl-ispejjeż kollha inkluzi dawk tal-appell kontra l-intimat appellat u dana wara li tisma' dawk ix-xhieda li jidhirla xierqa u opportuni u tieħu konjizzjoni ta' dawk id-dokumenti kollha tal-proċess tal-istess talba inklużi dawk sottomessi mill-appellant bl-ispejjeż kontra l-appellat.

Ir-Rikors tal-Appell Nru. 48/24 fl-ismijiet Mikael Robert Menander (Nru Passaport 096144035) vs Ernest Tonna (KI 649248M) jinsab iddifferit għal nhar il-15 ta' Jannar, 2025, fid-9:10 a.m.

Notifika: MIKAEL ROBERT MENANDER, 63, THE HIVE, FLAT 2, TRIQ PACE, SLIEMA.

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 6 ta' Jannar, 2025.

DOTT FRANCO BONDIN LLD, M.Jur.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

(ID 649248M), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Mikael Robert Menander in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas by Appeal Application No. 48/24 filed on the 6th June, 2024, in the names premised the appellant Ernest Tonna felt aggrieved by the judgment of the 31.05.2024 wherein the Arbitration Panel for private residential leases partially upheld the applicant's request and ordered the respondent to pay the amount of Eur 700 besides the costs of the procedure, on the basis of two grounds, namely 1. the Panel did not afford a fair hearing to the appellant by disregarding the documentation produced and 2. therefore this Panel did not address the complaints listed in the original complaint.

Therefore, the appellant requests this Honourable Court to annul the decision of the Arbitration Panel in the names premised and dated 31.05.2024 and instead dismiss all the respondent's claims with all costs including those of the appeal against the respondent and this after hearing such witnesses as it deems fit and opportune and after taking cognizance of such documents in the records of the said claims including those submitted by the appellant, with costs against the respondent.

Appeal Application No. 48/24 in the names Mikael Robert Menander (Passport No 096144035) vs Ernest Tonna (ID 649248M) is deferred to 15 January, 2025, at 9:10 a.m.

Notification: MIKAEL ROBERT MENANDER, 63, THE HIVE, FLAT 2, PACE STREET, SLIEMA.

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), ths day 6th January, 2025.

DR FRANCO BONDIN LLD, M.Jur.,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

54

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Diċembru, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5744/2024, fl-ismijiet Baron Contractors Limited vs Anthony sive Antoine Azzopardi et, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Anthony sive Antoine Azopardi u Joicy Azzopardi a tenur ta' l-Artikolu 891 tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 17 ta' Diċembru, 2024

Lil Anthony sive Antoine Azzopardi (KI 679518L) u Joicy Azzopardi (KI 5876G) ta' Port Mansions, Block B, Apartment 2, Triq is-Sajjied, Marsalforn, Għawdex.

By means of a decree of the 23rd December, 2024, in the records of the judicial letter number 5744/2024, in the names Baron Contractors Limited vs Anthony sive Antoine Azzopardi et, the First Hall of the Civil Courts ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents Anthony sive Antoine Azzopardi and Joicy Azzopardi in terms of Article 891 of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 17th December, 2024

To Anthony sive Antoine Azzopardi (ID 679518L) and Joicy Azzopardi (ID 5876G) of Port Mansions, Block B, Apartment 2, Triq is-Sajjied, Marsalforn, Gozo.

Permezz tal-preżenti Baron Contracts Limited (C-14934) ta' Baron Group of Companies, Triq Karlu Galea, Rabat VCT 2601, tinterpellakom sabiex tħallsu s-somma globali ta' €40,137 rappreżantanti bilanċ ta' prezz dovut minnkom għal xogħol t'appalt u finishing eżegwit mis-soċjetà mittenti fuq inkarigu tagħkom stess fuq l-appartament numru 5 fil-blokk bl-isem The Loom, Triq Turu Rizzo, Ġżira, Malta u fuq il-komun tal-istess blokk.

Għaldaqstant, bis-saħħa tal-preżenti s-soċjetà mittenti qegħda tinterpellakom sabiex sa mhux aktar minn ħamest'ijiem mid-data ta' din in-notifika lilkom tal-preżenti ittra uffiċjali intom tħallsu lis-soċjetà mittenti dak kollu li huwa dovut minnkom

F'każ li dan it-terminu konċess lilkom jgħaddi inutilment, is-soċjetà mittenti mhux se jkollha triq oħra għajr li tipproċedi kontra tagħkom mingħajr ebda preavviż ieħor.

Din l-ittra qed tintbagħat ukoll għall-finijiet tal-artikolu 889 tal-Kapitolu 12 u artikolu 2128 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħrfu timxu.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Jannar, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of this present Baron Contractors Limited (C-14934) of Baron Group of Companies of Triq Karlu Galea, Rabat VCT 2601, calls upon you to pay the global sum of €40,137 representing balance of price due by you for contract of works and finishing carried out by the interpellant company on your engagement on apartment number 5 in the block named the Loom, Turu Rizzo Street, Gżira, Malta and on the common parts of the same block.

Thus, by virtue of the present the interpellant company is soliciting you so that within not more than five days from the date of this notification to you of the present judicial letter you pay the interpellant company all that is due by you.

In case this term given to you passes uselessly, the interpellant company will have no alternative but to proceed against you without further notice.

This letter is being sent also for the purposes of Article 889 of Chapter 12 and Article 2128 of Chapter 16 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to proceed.

With costs and legal interest.

Registry of the Superior Courts, today 9th January, 2025.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

55

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fid-9 ta' Diċembru, 2024, fl-atti tar-Rikors Numru 20/2019 fl-ismijiet Emanuel Saliba u martu Frances Saliba; Maria Grazia sive Grace Spiteri kemm f isimha proprio kif ukoll a nom ta' bintha Annuzjata sive Nancy Xuereb u dan hekk kif debitament awtorizzata permezz ta' prokura; Raymond Buttigieg u martu Mary Buttigieg; Tarcisio Grima li jidher għan-nom ta' Annunziata Grima armla ta' Angelo Grima u dan hekk kif debitament awtorizzat permezz ta' prokura; Joseph Spiteri; Anton Spiteri; u għal kull interess li jista' jkollhom Stephan Farrugia u martu Josephine Farrugia vs Carmelo Xerri u r-Registratur tal- Artijiet, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Carmelo Xerri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell Nru. 20/2019 ippreżentat fit-28 ta' Ottubru, 2024, l-appellanti Emanuel Saliba u martu Frances Saliba; Maria Grazia sive Grace Spiteri kemm f'isimha proprio kif ukoll a nom ta' bintha Annuzjata sive Nancy Xuereb u dan hekk kif debitament awtorizzata permezz ta' prokura; Raymond Buttigieg u martu Mary

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 9th December, 2024, in the records of Application number 20/2019 in the names Emanuel Saliba and his wife Frances Saliba; Maria Grazia sive Grace Spiteri both in her own name and on behalf of her daughter Annuzjata sive Nancy Xuereb and this as duly authorised by means of a power of attorney; Raymond Buttigieg and his wife Mary Buttigieg; Tarcisio Grima who appears on behalf of Annunziata Grima widow of Angelo Grima and this as duly authorised by a power of attorney; Joseph Spiteri; Anton Spiteri; and for any interest that Stephan Farrugia and his wife Josephine Farrugia may have vs Carmelo Xerri and the Land Registrar, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Carmelo Xerri in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas in Appeal Application No. 20/2019 filed on the 28th October, 2024, the appellants Emanuel Saliba and his wife Frances Saliba; Maria Grazia sive Grace Spiteri both in her own name and on behalf of her daughter Annuzjata sive Nancy Xuereb and this as duly authorised by means of a power of attorney; Raymond Buttigieg and his wife Mary Buttigieg;

Buttigieg; Tarcisio Grima li jidher għan-nom ta' Annunziata Grima armla ta' Angelo Grima u dan hekk kif debitament awtorizzat permezz ta' prokura; Joseph Spiteri; Anton Spiteri; u għal kull interess li jista' jkollhom Stephan Farrugia u martu Josephine Farrugia ta' c/o 'The Arches', Triq Santa Duminka, Rabat, Għawdex, ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti tas-27 ta' Settembru, 2024, billi 1. l-ewwel qorti skartat għalkollox ix-xhieda u dokumenti prodotti fil-kawża ta' spoll deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fir-Rikors Ġuramentat Numru 28/2012. 2. mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju l-atturi appellanti jsostnu li huma ppruvaw b'mod ċar li din l-art kienet tagħhom; 3. minghajr preġudizzju għas-suespost l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għal konklużjoni żbaljata li l-konvenut appellat ġab prova li l-art mertu ta' din il- kawża kellu titolu fuqha.

Għaldaqstant, l-appellanti umilment jitolbu lill-Onorabbli Qorti tal-Appell jogħġobha tibdel s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali tas-27 ta' Settembru, 2024, fl-ismijiet premessi billi tilqa' t-talbiet tal-appellanti u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellati. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati konjugi Sant.

Notifika: Carmelo Xerri, 44 Triq Munxar, Għawdex

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 18 ta' Diċembru, 2024.

DOTT. FRANCO BONDIN LLD, M.Jur.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Tarcisio Grima who appears on behalf of Annunziata Grima widow of Angelo Grima and this as duly authorised by a power of attorney; Joseph Spiteri; Anton Spiteri; and for any interest that Stephan Farrugia and his wife Josephine Farrugia of C/o 'The Arches', Triq Santa Duminka, Rabat, Gozo may have, felt aggrieved by the judgment of the Honourable First Court of the 27th September 2024 on the grounds that: 1. the Court of First Instance completely disregarded the evidence and documents produced in the cause of spoliation decided by the Court of Magistrates (Gozo) in the Sworn Application Number 28/2012; 2. without prejudice to the first ground, the appellant plaintiffs submit that they proved in a clear way that this land belonged to them; 3. without prejudice to the above the Honourable First Court reached the wrong conclusion that the respondent defendant produced evidence that he had a title to the land merits of this cause.

Therefore, the appellants humbly ask this Honourable Court of Appeal to reform the appealed judgment of the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section of the 27th September, 2024, in the names premised by upholding the appellants' demands and dismissing the pleas of the respondent defendants. With costs of both instances against the respondents spouses Sant.

Notification: Carmelo Xerri, 44 Munxar Street, Gozo

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day 18th December, 2024.

DR FRANCO BONDIN LLD, M.Jur.,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

56

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fil-11 ta' Diċembru, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 58/24 fl-ismijiet Richard Attard vs L-Awtorità tal-Ippjanar u l-kjamat in kawza Alfred Tanti (ID 300468M), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Alfred Tanti a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell Nru. 58/24 ippreżentat fil-25 ta' Ottubru, 2024, fl-ismijiet premessi, l-appellant Richard Attard (KI 317644M) ħassu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni taI-Ambjent u Ippjanar tal-10 ta' Ottubru, 2024, permezz ta' liema l-istess bord laqa' l-appell tal-appellat kjamat Alfred Tanti u ħassar il-permess PA 7361/22 li jagħti użu tal-fond numru ghaxra (10), Triq Antonio Miruzzi, Santa Venera bhala "Class B - Auto Electrian"u dan abbażi ta' żewġ aggravji, ċioè 1. it-Tribunal kien żbaljat meta, minkejja il-provi prodotti, sab illi m'għadx hemm attività kummerċjali fil-fond in kwistjoni u 2. l-interpretazzjoni li ta t-Tribunal ma kinitx skont il-liġi.

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Inferior Jurisdiction, on the 11th December, 2024, in the records of the Application Number 58/24 in the names Richard Attard vs the Planning Authority and the party joined in suit Alfred Tanti (ID 300468M), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Alfred Tanti in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas by Appeal Application No. 58/24 filed on the 25th October, 2024, in the names premised, the appellant Richard Attard (ID 317644M) felt aggrieved by the decision of the Environment and Planning Review Tribunal of the 10th October 2024 in virtue of which the same board upheld the appeal of the respondent joined in suit Alfred Tanti and cancelled Permit PA 7361/22 to grant use of the premises number ten (10), Triq Antonio Miruzzi, Santa Venera as a "Class B - Auto electrian" and this on the basis of two grounds of appeal, that is 1. the Tribunal was mistaken when, despite the evidence produced, it found that there is no longer any commercial activity in the premises in question and 2. the interpretation given by the Tribunal was not according to law.

Għaldaqstant, l-esponent jitlob bil-qima illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell tirrevoka u tħassar d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u Ippjanar tal-10 ta' Ottubru, 2024, u tikkonferma l-permess maħruġ PA 7361/22 ippubblikat, u dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti tqis opportuni, bl-ispejjeż.

Ir-Rikors tal-Appell Nru. 58/24 fl-ismijiet Richard Attard vs L-Awtorità tal-Ippjanar u l-kjamat in kawża Alfred Tanti jinsab iddifferit għal nhar id-19 ta' Frar, 2025, fit-8:30 a.m.

Notifika: ALFRED TANTI, 14, TRIQ JOSEPH ABELA SCOLARO, ĦAMRUN.

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Inferjuri), illum 6 ta' Jannar, 2025.

DOTT. FRANCO BONDIN LLD, M.Jur.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Therefore, the applicant respectfully requests that this Honourable Court of Appeal revokes and cancels the decision of the Environment and Planning Review Tribunal dated 10th October, 2024, and confirms the permit issued PA 7361/22 as published, and this under those provisions that this Honourable Court deems opportune, with costs.

Appeal Application No. 58/24 in the names Richard Attard vs the Planning Authority and the party joined in suit Alfred Tanti has been deferred for hearing to the 19th February, 2025, at 8:30 a.m.

Notification: ALFRED TANTI, 14, JOSEPH ABELA SCOLARO STREET, ĦAMRUN.

Registry of the Courts of Appeal (Inferior jurisdiction), this day 6th January, 2025.

DR FRANCO BONDIN LLD, M.Jur.,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

57

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-10 ta' Diċembru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Nru:1107/2024DC, li ġie ppreżentat fis-17 ta' Ottubru, 2024, fl-ismijiet: Bezzina Jesmond et vs Rugeri Francesco, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimat iħallas is-somma ta' ħamsa u sittin elf, tlett mija u ħamsin ewro (€65,350). Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra l-intimat li hu nġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-16 ta' Jannar, 2025, fl-10.15 a.m.

Notifika Intimat: Rugeri Francesco. 6 u 8, Villa Gherita, Triq Antonio Schembri, Kappara, San Ġwann.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 6 ta' Jannar 2025.

CARMEL ABELA. M.SC. IN MANAGEMENT. DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 10th December, 2024, in the records of Sworn Application No:1107/2024DC, which was filed on the 17th October, 2024, in the names: Bezzina Jesmond et vs Rugeri Francesco, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12, for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondent to pay the sum of sixty five thousand, three hundred and fifty euros (€65,350). With costs and interests against the respondent who is summoned so that a reference to his evidence be made

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 16th January, 2025, at 10.15 a.m.

Notify Respondent: Rugeri Francesco. 6 and 8, Villa Gherita, Antonio Schembri Street, Kappara, San Ġwann.

Registry of the Superior Courts, today, 6th January, 2025.

CARMEL ABELA. M.SC. IN MANAGEMENT. DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

58

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-11 ta' Novembru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Nru:1015/2024MS, li ġie ppreżentat fit-18 ta' Settembru, 2024, fl-ismijiet: JP Imports (Food Division) Limited vs Paris Claude et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrent talab lil

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 11th November, 2024, in the records of Sworn Application No:1015/2024MS, which was filed on the 18th September, 2024, in the names: JP Imports (Food Division) Limited vs Paris Claude et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12, for the purpose of service of the respondents. The applicant asked this

din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimati jħallsu s-somma ta' tmienja u tletin elf, mitejn ħamsa u sittin ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€38,265.38ċ). Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħaxijiet legali kontra l-intimati li huma nġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-17 ta' Jannar 2025, fid-09.15 a.m.

Notifika Intimati: C&C Caterers Limited. Calm Waters, Block B, Flat 11, Triq Dun Anton Debono, San Ġiljan.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 6 ta' Jannar, 2025.

CARMEL ABELA. M.SC. IN MANAGEMENT. DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunal

Honourable Court to, among others: Condemn the respondents to pay the sum of thirty eight thousand, two hundred and sixty five euros and thirty eight cents (€38,265.38c). With all costs and legal interest against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 17th January, 2025, at 09.15 a.m.

Notify Respondents: C&C Caterers Limited. Calm Waters, Block B, Flat 11, Dun Anton Debono Street, St. Julians.

Registry of the Superior Courts, today, 6th January, 2025.

CARMEL ABELA. M.SC. IN MANAGEMENT. DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

59

IKUN jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja fid-19 ta' Diċembru, 2024, (Rikors numru 111/2024) rikors ta' Trevor Andrew Locker fejn intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Tatiana Gennadyevna Locker, mart Trevor Andrew Locker, bint Gennadiy Aleksandrovich Berezovckiy u Nina Nikitichna magħrufa bħala Yakushkova, imwielda f'Pdomoshnoye, ir-Russja fit-23 ta' Settembru, 1960 u mietet ġewwa Victoria, Għawdex fit-13 ta' Diċembru, 2016 (KI 140358A), liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur ta' Trevor Andrew Locker (KI 104300A), ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja bix-xhieda ta' Dottor Brigitte Sultana, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum, 7 ta' Jannar, 2025

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 19th of December, 2024 (Application number 111/2024) by Trevor Andrew Locker, the opening of the SUCCESSION was requested of Tatiana Gennadyevna Locker, wife of Trevor Andrew Locker, daughter of Gennadiy Aleksandrovich Berezovckiy and Nina Nikitichna known as Yakushkova, born in Pdomoshnoye, Russia on 23rd of September, 1960 and died in Victoria, Gozo on 13th of December, 2016 (ID 140358A), which opening of succession is to be made in favour of Trevor Andrew Locker (ID 104300A), the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr. Brigitte Sultana, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Voluntary Jurisdiction

Today, the 7th of January, 2025

DANIEL SACCO
Deputy Registrar
For the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*